**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.D.**

**Seduta ta` nhar l-Erbgħa 7 ta` Novembru, 2017.**

**Talba Nru: 400/2017PA**

**GO plc**

**vs**

**Michela Attard**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fil-31 ta` Awissu 2017 li permezz tiegħu s-soċjeta` attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuta tħallasha s-somma ta` ħames mija, tlieta u tmenin Ewro, tnejn u għoxrin ċenteżmu (€583.22ċ) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont 40524046, bl-ispejjeż u d-drittijiet, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali 815/16 u bl-imgħax legali mis-17 ta` Mejju 2016 meta ġiet preżentata l-imsemmija ittra uffiċjali.

Ra d-dokumenti ppreżentati mis-soċjeta` attriċi mal-Avviż tat-Talba, senjatament (i) prospett dwar il-kont mertu ta` din il-kawża, tal-ħlasijiet mitluba (Dok.'A', fol.2); (ii) ċertifikat tal-amalgamazzjoni ta` Mobisle Communiċations Limited fis-soċjeta` attriċi (Dok.'B1', fol.3); (iii) kuntratt bejn is-soċjeta` attriċi u l-konvenuta għall-għoti ta` servizzi ta` telefonija ċellulari (Dok.'B2', fol.4); (iv) kopja ta` ittra uffiċjali eżekuttiva

numru 815/16 (Dok.‘C’, fol.5); u (v) estratt mir-Reġistru Elettorali li juri l-uffiċju reġistrat tal-konvenuta (Dok.‘D’, fol.6).

Ra li l-konvenuta debitament notifikata bl-Avviż tat-Talba u bl-Avviż tas-Smigħ, naqset li tippreżenta Risposta u lanqas dehret biex tikkontesta l-kawża.

Sema’ x-xiehda ta` Maryanne Camilleri, rappreżentanta tas-soċjeta` attriċi, li ddikjarat li s-soċjeta` attriċi baqgħalha tieħu mingħand il-konvenuta l-ammont mitlub għas-servizzi prestati lilha kif indikat fl-Avviż.

Ikkunsidra li t-talba tas-soċjeta` attriċi għall-kundanna tal-konvenuta biex tħallasha s-somma mitluba tirriżulta ampjament pruvata fil-kontumaċja tal-konvenuta.

Għaldaqstant, it-Tribunal jilqa’ t-talba tas-soċjeta` attriċi u jikkundanna lill-konvenuta tħallasha s-somma mitluba ta` ħames mija, tlieta u tmenin Ewro, tnejn u għoxrin ċenteżmu (€583.22ċ), bl-imgħax u bl-ispejjeż kif mitluba fl-Avviż tat-Talba.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Ġudikatur**